# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbatax (14) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku qal li ħareġ il-permess biex jibdew ix-xogħol fit-triq il-ġdida tal-Karwija.

4. Il-kunsilliera qablu li nneħu l-linji s-sofor f'triq il-Kenn li persuna għamel mingħajr permess.

5. Il-kunsilliera huma bl-opinjoni li mhux kulħadd qed iħallas il-permess għal krejnijiet, u b'hekk se jibdew ikunu iżjed attenti.

6. Hemm truck tal-KopTaCo ipparkjat għal ħinijiet twal f'triq Il-Ħajt Ruman li jieħu ħafna postijiet tal-parkeġġ. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat lil kumpanija biex jieħdu azzjoni.

7. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li d-dipartament tal Gvern Lokali iddeċieda kif għandna naqsmu l-konfini mar-raħal ta' Żurrieq. Waqt laqgħa li kelna mal Kunsill ta' Żurrieq fil-bidu tas-sena, kien ġie deċiż li se nieħdu l-parir mid-dipartament, u issa peress li ħarġu bid-deċiżżjoni tagħhom, il-kunsilliera jixtiequ li l-Kunsill ta Żurrieq iżommu l-kelma tagħhom u t-tnejn li aħna nibdew nieħdu l-passi biex nirranġaw it-tabelli li hemm skond il-konfini l-ġodda.

8. Il-kunsilliera innotaw li hemm karozzi li jagħdu fit-triq tal-iskola meta t-tfal ikunu qegħdin jistennew barra. Biex nevitaw l-aċċidenti, il-kunsilliera jixtiequ jagħmlu 'bollards', jew isaħħu l-presenża tal-pulizija, wara tmiem l-iskola.

**Korrispondenza**

9. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-kap tal-iskola primarja fejn esprimit ir-ringrazzjament tagħha tal-inizzjattiva tal-Kunsill rigward il-'Writing Club' li s-sur Omar Schembri jagħmel fis-sajf. Hi tixtieq li nibdew nagħmlu l-istess klassijiet fix-xitwa wkoll. Il-kunsilliera qablu li jitkellmu mas-sur Schembri biex it-talba ssir possibli.

10. Is-sur Sergio Fiore [vet] qal li hu lest jiġi sar-raħal biex jagħmel il-microchip li ħa jkollhom bżonn l-animali domestiċi. Waqt li l-Kunsill ma jistax jipprovdi post biex jiġi jagħmel dan ix-xogħol, is-sur Fiore qal li hu lest imur id-djar tan-nies jekk huma jixtiequ jużaw is-servizzi tiegħu.

11. Il-Kunsill irċieva email mingħand id-dipartament tal-Gvern Lokali [DLG] dwar aħbar biex tfal tar-raħal ipinġu mascot li għandu x'jaqsam mal biodiversita u l-ambjent, u r-rebbiegħ se jidher bħala l-mascot tar-raħal għal sena. Id-Deputat Segretarju Eżekkutiv se jibgħat l-informazzjoni lill-iskola primarja tar-raħal.

12. Frank Salt jixtiequ jagħmlu riklami u tabelli madwar ir-raħal. Il-Kunsill se jgħidilhom fejn jistgħu jagħmlu dawn is-sinjali.

**Ħwejjeġ oħra**

13. Is-Sindku qal li dak li jiġi jiġbor il-Bulky Refuse se jagħti x-xogħol lil ħaddiem tiegħu. Il-Kunsill jixtieq jenfasizza li skond il-kuntratt dan jista jseħħ, iżda biss jekk ix-xogħol jibqa f'idejn il-kumpanija [ie ħaddiem ta' dak li ħa t-tender]. Hemm ċans ili l-ġranet li jiġu jiġbru l-bulky jinbiddlu u noħorġu avvizz meta, u jekk, dan iseħħ.

14. Il-kunsilliera għażlu l-għalliema u l-helpers għal Skola Sajf 2011.

15. Il-kunsilliera qablu li dawk li jiġu jħalsu l-kontijiet tal-Go fil-Kunsill għandhom jiġu mill-inqas erba' [4] ġranet (working days) qabel id-deadline.

16. Is-Sindku qal li nistgħu nużaw servizz tal-kumitat tal-Ambjent biex nużaw nies mhux tal-Kunsill biex jiġu jaqtgħu l-ħaxix madwar ir-raħal għal ftit ġimgħat, izda l-kunsilliera ma qablux u qalu li nkomplu nużaw il-ħaddiema tal-Kunsill. Ma dan, il-kunsilliera qablu li għandna nqaxxru l-ħaxix sew madwar ir-raħal u l-kuntrattur tal-knis għandu jiġi fil-laqgħa li jmiss.

17. Is-Sindku qal li titkompla l-bankina biex il-bankijiet jitpoġġew fuqa quddiem iċ-ċimiterju.

18. Il-kunsilliera qablu li nbiegħu l-units kollha biex nieħdu l-benefiċċji tas-sistema tal-PV li ġibna s-sena l-oħra, iżda biss wara li nieħdu l-parir tal-inġinier.

19. Id-Deputat Segretarju Eżekkutiv qal li ħadna €466 għall-librerija wara li applikajna għall-inizjattiva tad-dipartament.

20. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 13.

21. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm, iżda l-kontenuti tal-aġenda ma kinux kollha diskussi. Dawn se jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

22. Il-laqgħa li jmiss se tkun fis-7 ta’ Lulju 2011.

Approvati llum 07/07/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv